# 10. Quddiem Għalqa bix-Xewk

Minn għalqa kbira bil-ħaxix mimlija
il-baqar kielu kollox, lanqas werqa
biss ma ħallew, u lanqas għerq biex juri
li kien hemm xitla,

Minbarra lilek biss, ja Xewk qalil,
għaliex għax-xofftejn kbar int slitt is-sjuf
mill-weraq tiegħek, daqskemm tislet xwabel
fortizza kbira!

Ħallihom imaqdruk, ja Xewk niggieżi;
ħallihom igħajruk is-saħta t'Alla;
ħallihom jobogħduk sakemm ikollhom
il-biża' minnek!

Lix-Xewk niggież ixbaħ, ja Poplu Malti,
u mhux lit-tfief ħanin, twajjeb u kiebi,
li jimla ż-żaqq il-kbira qatt xebgħana
tal-barranin.